**Domandi preliminari**

1) Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/72/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(5) u (6) u l-Artikolu 28, għandhom jiġu interpretati fis-sens li sistema stabbilita u ġestita minn entità privata, li magħha jkun konness numru limitat ta' unitajiet ta' produzzjoni u ta' konsum, li mbagħad ikunu konnessi mas-sistema pubblika, tikkostitwixxi neċessarjament sistema tal-elettriku, u għaldaqstant "sistema ta' distribuzzjoni" fis-sens ta' din id-direttiva, mingħajr il-possibbiltà li jiġu esklużi minn tali klassifikazzjoni, sistemi privati li jinkludu dawn il-karatteristiċi, li jkunu ġew stabbiliti qabel id-dħul fis-seħħ tad-direttiva u li oriġinarjament kienu intiżi għall-awtoproduzzjoni?

2) F'każ li r-risposta għad-domanda preċedenti tkun waħda affermattiva, il-klassifikazzjoni ta' sistema tal-elettriku privata fil-kategorija tal-SDM prevista fl-Artikolu 28 tad-direttiva inkwistjoni tikkostitwixxi l-unika possibbiltà offruta minn din id-direttiva sabiex jittieħed kont tal-partikolaritajiet tagħha, jew huwa permess li l-leġiżlatur nazzjonali jistabbilixxi kategorija differenti ta' sistemi ta' distribuzzjoni suġġetti għal regoli ssimplifikati, differenti minn dik prevista għall-SDM?

3) Indipendentement mid-domandi preċedenti, id-direttiva għandha tiġi interpretata fis-sens li l-obbligu ta' konnessjoni ta' terzi huwa impost fil-każijiet kollha fuq is-sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa previsti fl-Artikolu 28?

4) Indipendentement mid-domandi preċedenti, il-klassifikazzjoni ta' sistema tal-elettriku privata bħala sistema ta' distribuzzjoni magħluqa, fis-sens tal-Artikolu 28 tad-Direttiva 2009/72/CE, tippermetti lil-leġiżlatur nazzjonali li jipprovdi, favur din is-sistema, sempliċiment għad-derogi mir-regoli ġenerali applikabbli għas-sistema ta' distribuzzjoni previsti espressament mill-Artikolu 28 u mill-Artikolu 26(4) tal-istess direttiva, jew – fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet inklużi fil-"premessi" 29 u 30 tal-imsemmija direttiva – l-Istat Membru huwa permess, jew anki obbligat li jipprovdi għal eċċezzjonijiet oħra mill-applikazzjoni tar-regoli ġenerali applikabbli għas-sistemi ta' distribuzzjoni, b'tali mod li jiħu segwiti l-għanijiet indikati fl-imsemmija "premessi"?

5) F'każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li huwa possibbli jew obbligatorju, għall-Istat Membru, li jadotta leġiżlazzjoni li tieħu inkunsiderazzjoni n-natura speċifika tas-sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/72/KE – u b'mod partikolari, il-"premessi" 29 u 30, l-Artikolu 15(7), l-Artikolu 37(6)(b), u l-Artikolu 26(4) – jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik rilevanti fil-kawża odjerna, li tissuġġetta s-sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa għal regoli, fil-qasam tad-dispaċċ u s-separazzjoni, effettivament identiċi għal dawk applikabbli għal sistemi pubbliċi u li, fil-qasam tal-ispejjeż ġenerali tas-sistema tal-elettriku, tipprovdi li l-ammonti dovuti bħala korrispettiv għal dawn l-ispejjeż għandhom ikunu parzjalment proporzjonali wkoll għall-elettriku kkunsmat fi ħdan is-sistema magħluqa?

([1]) Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Lulju 2009, dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE (ĠU L 211, p. 55)

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Ġermanja) fit-23 ta' Mejju 2017 – Bashar Ibrahim vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

**(Kawża C-297/17)**

(2017/C 309/26)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesverwaltungsgericht

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Bashar Ibrahim

*Konvenuta:* Ir Repubblika Federali tal Ġermanja

**Domandi preliminari**

1. Id-dispożizzjoni tranżitorja tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 52 tad-Direttiva 2013/32/UE ([1]) tipprekludi l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali fejn, fl-implementazzjoni tal-awtorizzazzjoni, li hija iktar wiesgħa minn dik mogħtija preċedentement fl-Artikolu 33(2)(a) tad-Direttiva 2013/32/UE, applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali hija inammissibbli meta l-applikant ingħata protezzjoni sussidjarja fl Stat Membru ieħor, sa fejn, fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet tranżitorji nazzjonali, din il-leġiżlazzjoni nazzjonali tapplika wkoll għall-applikazzjonijiet imressqa qabel l-20 ta' Lulju 2015?

Id-dispożizzjoni tranżitorja tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 52 tad-Direttiva 2013/32/UE tippermetti lill-Istati Membri, b'mod partikolari, li jimplementaw l-awtorizzazzjoni iktar wiesgħa fl-Artikolu 33(2)(a) tad-Direttiva 2013/32/UE b'mod retroattiv, sabiex anki l-applikazzjonijiet għall-ażil issottomessi qabel it-traspożizzjoni fid-dritt nazzjonali ta' dik l-awtorizzazzjoni usa', iżda li ma kinux għadhom ġew maqtugħa definittivament fil-mument tat-traspożizzjoni, huma inammissibbli?

2. L-Artikolu 33 tad-Direttiva 2013/32/UE jagħti lill-Istati Membri d-dritt li jagħżlu li jiċħdu applikazzjoni għall-ażil bħala inammissibbli għaliex taqa' taħt responsabbiltà internazzjonali oħra (Regolament ta' Dublin) jew taħt l-Artikolu 33(2)(a) tad-Direttiva 2013/32/UE?

3. Fil-każ li r-risposta għad-domanda 2 tkun fl-affermattiv: id-dritt tal-Unjoni jipprekludi li, fl-implementazzjoni tal-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Artikolu 33(2)(a) tad-Direttiva 2013/32/UE, Stat Membru jiċħad applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali bħala inammissibbli minħabba protezzjoni sussidjarja li ngħatat minn Stat Membru ieħor, meta

   a) l-applikant jitlob it-tisħiħ tal-protezzjoni sussidjarja li ngħatatlu fi Stat Membru ieħor (rikonoxximent tal-istatus ta' refuġjat) u li l-proċedura ta' ażil fl-Istat Membru l-ieħor kienet u għada vvizzjata minn nuqqasijiet sistemiċi,

   b) il-mekkaniżmu tal-protezzjoni internazzjonali, u speċifikament il-kundizzjonijiet tal-ħajja tal-benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja, fl-Istat Membru l-ieħor li jkun diġà ta lill-applikant protezzjoni sussidjarja

      — jikser l-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Artikolu 3 tal-KEDB, jew

      — ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 20 *et seq* tad-Direttiva 2011/95/UE, iżda mingħajr ma jikser l-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Artikolu 3 tal-KEDB?

4. Fil-każ li r-risposta għad-domanda 3(b) tkun fl-affermattiv, dan japplika wkoll meta l-benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja ma jirċievu l-ebda allowance għall-għajxien, jew f'livell nettament inqas meta mqabbel ma' Stati Membri oħra, mingħajr madankollu ma jkunu ttrattati b'mod differenti, f'dan ir-rigward, miċ-ċittadini tal-Istat Membru inkwistjoni?

5. Fil-każ li r-risposta għad-domanda 2 tkun fin-negattiv:

   a) Ir-Regolament Dublin III japplika fi proċedura għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali, meta l-applikazzjoni għall-ażil tkun ġiet issottomessa qabel l-1 ta' Jannar 2014, iżda t-talba għat-teħid lura tkun ġiet issottomessa wara din id-data u l-applikant ikun diġà kiseb qabel (fi Frar 2013) protezzjoni sussidjarja fl-Istat Membru mitlub?

   b) Ir-Regolamenti Dublin jġibu magħhom trasferiment – impliċitu – tar-responsabbiltà tal-Istat Membru li jitlob għat-teħid lura ta' applikant, meta l-Istat Membru resposabbli mitlub ikun ċaħad it-talba għat-teħid lura, imressqa fit-terminu previst, skont id-dispożizzjonijiet ta' Dublin u minflok invoka ftehim internazzjonali ta' riammissjoni?

[1] Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas- 26 ta' Ġunju 2013, dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU L 180, p. 60).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Berlin (il-Ġermanja) fit-23 ta' Mejju 2017 – VG Media Gesellschaft zur Verwertung der Urheber- und Leistungsschutzrechte von Medienunternehmen mbH vs Google Inc.**

**(Kawża C-299/17)**

(2017/C 309/27)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Landgericht Berlin

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* VG Media Gesellschaft zur Verwertung der Urheber- und Leistungsschutzrechte von Medienunternehmen mbH